Premji għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità 2027 - Regoli tal-Kompetizzjoni

Werrej

Kontenut

1. SFOND U OBJETTIVI 2
2. KAPITALI EWROPEJ TAL-INKLUŻJONI U D-DIVERSITÀ 2
3. PROĊEDURA U KRITERJI GĦALL-ĦATRA TAR-REBBIEĦA TAL-PREMJIJIET TAL-BLIET KAPITALI EWROPEJ TAL-INKLUŻJONI U D-DIVERSITÀ 2027 U L-PREMJU SPEĊIFIKU 3
   - 3.1 Kompożizzjoni tal-Ġurija Ewropea għall-Premju Ġenerali 3
   - 3.2 Kompożizzjoni tal-Ġurija Ewropea għall-Premju Speċifiku 3
   - 3.3 Kriterji ta' eliġibbiltà 4
   - 3.4 Informazzjoni addizzjonali 4
   - 3.5 Skeda ta' żmien 5
4. PROĊESS TA' EVALWAZZJONI 5
   - 4.1 Proċess ta' Għażla u Evalwazzjoni 5
   - 4.2 Kriterji tal-għotjiet 6
5. L-ARRANĠAMENTI U D-DATI FINALI GĦAS-SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET 8
6. IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI 8
7. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI 9
8. ANNESSI 9

1. SFOND U OBJETTIVI

Il-Kummissjoni tat spinta għall-ugwaljanza billi adottat l-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021–2030, il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020–2030, ġeddiet l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026–2030 u l-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2026–2030 u adottat għall-ewwel darba l-istrateġija kontra r-razziżmu 2026–2030.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha fl-Istrateġija kontra r-razziżmu 2026-2030, fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030 li tkompli dežinjazzjoni ta' Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità. **Il-Premji għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità għandu l-għan li jirrikonoxxi u jagħti viżibbiltà lill-ħidma li tkun saret minn raħal, belt jew reġjun[1], filwaqt li jagħmel enfażi fuq l-aħjar prattiki tagħhom li jistgħu jkunu sors ta' ispirazzjoni għal bliet Ewropej oħra biex joħolqu ambjenti aktar diversi u inklużivi għaċ-ċittadini tagħhom.** Hija tfittex li tirrikonoxxi l-aħjar prattiki li: jippromwovu d-diversità (f'termini ta' sess, età, dizabilità, identità LGBTIQ+, religjon jew twemmin u origini etnika jew razzjali) bhala sors ta' rikkezza u innovazzjoni; jikkontribwixxu ghal politiki u sistemi inklużivi; u jrawmu sens ta' appartenenza ghac-cittadini kollha taghha.

2. KAPITALI EWROPEJ TAL-INKLUŻJONI U D-DIVERSITÀ

Il-Premjijiet tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità (imsemmija wkoll hawn taħt bħala l-Premjijiet) se jirrikonoxxu tliet bliet f'żewġ kategoriji distinti:

- awtoritajiet lokali b'inqas minn 50 000 abitant;
- awtoritajiet lokali b'aktar minn 50 000 abitant.

Kull kategorija se jkollha l-ewwel (l-uniku rebbieħ tat-titlu tal-Kapitali Ewropea tal-Inklużjoni u d-Diversità għal sena partikolari), it-tieni u t-tielet post. L-applikanti jistgħu jirċievu wkoll referenza speċjali, skont il-valutazzjoni tal-isforzi kontinwi u pożittivi tagħhom f'kuntesti jew ċirkostanzi li huma eċċezzjonalment diffiċli, li jistgħu jiġu perċepiti bħala sors ta' ispirazzjoni għal bliet Ewropej oħra. Ir-referenza speċjali tista' tingħata lil massimu ta' kandidat magħżul wieħed, għal kull waħda miż-żewġ kategoriji distinti.

Il-Premjijiet huma miftuħa għall-awtoritajiet lokali kollha fl-UE (eż. l-irħula, il-bliet, ir-reġjuni, eċċ.).

Fl-2027, se jingħata wkoll Premju Speċifiku għall-awtoritajiet lokali li **jiġġieldu kontra r-razziżmu[2]**. Se jkun hemm tliet rebbieħa f'din il-kategorija (l-ewwel, it-tieni u t-tielet post). Id-daqs tal-awtorità lokali ma jitqiesx għall-Premju Speċifiku li għalih hemm kategorija waħda biss.

Ir-Regoli attwali tal-Kompetizzjoni ġew stabbiliti u ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea, li se tniedi u tiġġestixxi l-kompetizzjoni bl-appoġġ tas-Segretarjat estern tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità.

[1] Kwalunkwe awtorità lokali mmexxija minn korp elett.

[2] L-Istrateġija kontra r-razziżmu 2026-2030 hija xprunata mill-objettiv tal-ġlieda kontra r-razziżmu fil-forom kollha tiegħu, inkluż r-razziżmu kontra n-nies suwed, l-antiżingariżmu, l-antisemitiżmu, ir-razziżmu kontra l-Asja u l-mibegħda anti-Musulmana.

3. PROĊEDURA U KRITERJI GĦALL-ĦATRA TAR-REBBIEĦA TAL-PREMJIJIET TAL-BLIET KAPITALI EWROPEJ TAL-INKLUŻJONI U D-DIVERSITÀ 2027 U L-PREMJU SPEĊIFIKU

L-applikazzjonijiet għall-Premjijiet se jkunu soġġetti għal verifika tal-eliġibbiltà u għal valutazzjoni minn qabel minn esperti indipendenti. Id-Deċiżjoni finali se tittieħed minn Ġurija Ewropea li se tistabbilixxi klassifikazzjoni finali fiż-żewġ kategoriji Ġenerali (inqas minn u aktar minn 50 000 abitant) u minn Ġurija Ewropea għall-Premju Speċifiku li se tistabbilixxi klassifikazzjoni finali fil-kategorija tal-Premju Speċifiku.

L-awtoritajiet lokali jistgħu japplikaw kemm għall-Kompetizzjoni Ġenerali kif ukoll għall-Premju Speċifiku.

3.1 Kompożizzjoni tal-Ġurija Ewropea għall-Premju Ġenerali

Il-Kummissjoni Ewropea se taħtar l-esperti indipendenti għall-fażi ta' prevalutazzjoni u l-membri tal-Ġurija Ewropea għall-fażi finali tal-għażla. Il-Ġurija Ewropea se tkun magħmula minn tal-anqas ħames membri li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet mhux governattivi Ewropej.

Il-membri tal-Ġurija Ewropea se jirrevedu proposta ta' klassifikazzjoni stabbilita fil-fażi ta' qabel il-valutazzjoni mill-esperti indipendenti. Il-valutazzjoni tagħhom se tinkludi evalwazzjonijiet kwalitattivi bbażati fuq ir-rapport tal-esperti indipendenti u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-Għoti fit-Taqsima 4.2 hawn taħt. Dawn se jagħżlu tliet awtoritajiet lokali f'kull kategorija tal-Kompetizzjoni Ġenerali u jikklassifikawhom fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet post.

Il-Membri tal-Ġurija Ewropea huma individwi li jinħatru f'kapaċità' personali u jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-pubbliku. Huma jwettqu l-kompiti tagħhom *pro bono* u huma appoġġati mis-Segretarjat tal-Premju. L-individwi maħtura bħala membri tal-Ġurija Ewropea jridu jiżvelaw kwalunkwe ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess billi jiffirmaw "dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess" fil-laqgħa tal-Ġurija Ewropea.

3.2 Kompożizzjoni tal-Ġurija Ewropea għall-Premju Speċifiku

Fl-2027, il-Kummissjoni Ewropea se tagħti Premju Speċifiku lill-**awtoritajiet lokali li jiġġieldu r-razziżmu**. Se tapplika l-istess proċedura bħal dik tal-Kompetizzjoni Ġenerali, li se tikkonsisti fil-valutazzjoni tal-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għoti.

Il-Ġurija Ewropea għall-Premju Speċifiku għall-**"ġlieda kontra r-razziżmu"** se tkun magħmula minn mill-inqas ħames persuni li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet mhux governattivi Ewropej u/jew partijiet ikkonċernati nazzjonali u Ewropej rilevanti oħra.

Il-Kummissjoni Ewropea se taħtar il-Ġurija Ewropea għall-Premju Speċifiku għall-**"ġlieda kontra r-razziżmu"** u l-esperti indipendenti inkarigati mill-fażi ta' qabel il-valutazzjoni.

Il-membri tal-Ġurija Ewropea għall-Premju Speċifiku għall-"**ġlieda kontra r-razziżmu**" se jirrevedu proposta ta' klassifikazzjoni stabbilita fil-fażi ta' qabel il-valutazzjoni mill-esperti indipendenti. Il-

valutazzjoni tagħhom se tinkludi evalwazzjonijiet kwalitattivi bbażati fuq ir-rapport tal-esperti indipendenti u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-Għoti fit-Taqsima 4.2 hawn taħt. Dawn se jagħżlu tliet awtoritajiet lokali u jikklassifikawhom fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet post.

Il-membri tal-Ġurija Ewropeagħall-Premju Speċifiku għall-**"ġlieda kontra r-razziżmu"** huma individwi li jinħatru f'kapaċità' personali u jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-pubbliku. Huma jwettqu l-kompiti tagħhom *pro bono* u huma appoġġati mis-Segretarjat tal-Premju. L-individwi maħtura bħala membri tal-Ġurija Ewropea għall-Premju Speċifiku jridu jiżvelaw kwalunkwe ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess billi jiffirmaw "dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess" fil-laqgħa tal-Ġurija tal-UE.

3.3 Kriterji ta' eliġibbiltà

Din is-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni hija miftuħa għall-applikanti li ġejjin:

3.3.1 Il-korp li jissottometti **jrid ikun awtorità lokali** (belt jew reġjun eċċ.) f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Il-korp li jissottometti għandu jkun unità amministrattiva regolata minn kunsill tal-belt jew forma oħra ta' korp governattiv elett demokratikament. **Ir-rebbieħa preċedenti tal-Premjijiet ma jistgħux japplikaw fis-sena 2027.**

3.3.2 L-applikanti għandhom **jimlew it-taqsimiet kollha tal-formola tal-applikazzjoni komuni** għall-Premjijiet tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità 2027 (l-Anness I) u għandhom jaderixxu mal-limiti tal-karattri indikati għal kull taqsima tal-formola tal-applikazzjoni. L-applikanti għall-Premju Speċifiku għall-**"ġlieda kontra r-razziżmu"** għandhom ikomplu jimlew it-taqsima relatata li hija għall-Premju Speċifiku (it-Taqsima H fil-formola tal-applikazzjoni). Kwalunkwe karattru 'l fuq mil-limitu speċifikat ma jitqisx u jista' jħalli t-tweġibiet tal-applikazzjoni mhux kompluti.

3.3.3 L-applikazzjonijiet iridu **jimtlew u jintbagħtu permezz tal-formola tal-applikazzjoni online sas-26 ta' Frar 2027 (12.00 CET).**

3.3.4 L-applikanti jridu jehmżu **Dikjarazzjoni fuq l-unur (l-Anness III) iffirmata mis-Sindku** jew mir-rappreżentant tal-ogħla grad, awtorizzat mil-liġi nazzjonali biex jirrappreżenta legalment il-belt/ir-reġjun.

3.4 Informazzjoni addizzjonali

In-Nota ta' Gwida għall-applikanti (**Anness II**) għandha tinqara flimkien mal-formola tal-applikazzjoni għall-Premjijiet tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità 2027.

Barra minn hekk, biex jappoġġaw l-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jistgħu wkoll itellgħu jew jipprovdu link għal preżentazzjoni bil-PowerPoint ta' 10 slides sabiex juru u jenfasizzaw il-punti b'saħħithom tal-applikazzjoni tagħhom. Din il-preżentazzjoni tista' tintuża biex tippromwovi l-applikanti magħżula matul iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Premjijiet.

L-applikazzjonijiet jistgħu jintlew bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE; dawn se jiġu tradotti bl-użu ta' sistema ta' traduzzjoni awtomatizzata. L-applikanti huma mħeġġa jissottomettu l-applikazzjoni bl-Ingliż jekk possibbli, sabiex jiffaċilitaw l-ipproċessar tal-proposti u jħaffu l-proċess ta' evalwazzjoni.

L-entitajiet lokali jistgħu jiġu kkuntattjati mis-Segretarjat tal-Premjijiet fil-każ ta' żbalji klerikali u/jew amministrattivi jew fir-rigward ta' dokumenti neqsin.

3.5 Skeda ta' żmien

Kompiti	Perjodu
Ftuħ tal-proċess tal-applikazzjonijiet	Ottubru - Novembru 2026
Għeluq tal-proċess tal-applikazzjonijiet	is-26 ta' Frar 2027 (12.00 CET)
Evalwazzjoni mill-esperti indipendenti	Frar / Marzu 2027
Evalwazzjoni mill-Ġuriji Ewropej (Kompetizzjoni ġenerali u Premju Speċifiku għall-"**ġlieda kontra r-razziżmu**")	Marzu / April 2027
Informazzjoni lill-applikanti	Marzu / April 2027
Ċerimonja tal-Premjazzjoni għall-Premju għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità 2027	it-3 ta' Ġunju 2027

4. PROĊESS TA' EVALWAZZJONI

4.1 Proċess ta' Għażla u Evalwazzjoni

L-għażla tal-awtoritajiet lokali li għandhom jingħataw it-titolu tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità 2027 u l-Premju Speċifiku għall-"**ġlieda kontra r-razziżmu**", kif ukoll il-klassifikazzjoni finali, hija bbażata fuq sett standard ta' kriterji ta' evalwazzjoni biex jiġu żgurati l-konsistenza, it-trasparenza u l-ġustizzja fil-proċess.

Il-Kriterji tal-Għoti użati, u l-piż tagħhom, huma speċifikati fit-taqsima 4.2. L-applikanti li ma jiksbux mill-inqas 60 punt fir-rigward tat-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet relatati mal-Premju Ġenerali mhux se jiġu ammessi għal-livell ta' Ġurija Ewropew tal-kompetizzjoni għall-Premju Ġenerali jew għall-Premju Speċifiku.

L-għażla ssir f'żewġ fażijiet: **prevalutazzjoni** minn esperti indipendenti u **għażla finali fil-livell Ewropew mill-Ġurija Ewropea**. Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li teskludi kwalunkwe applikant fil-każ li ma josservax il-valuri Ewropej stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea[3].

[3] L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-UE hija "bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż

Is-Segretarjat tal-Għoti tal-Premjijiet għandu jivverifika l-applikazzjonijiet li jirċievi skont ir-rekwiżiti formali u legali kif stabbilit fit-Taqsima 3.3 Kriterji ta' eliġibbiltà. L-applikazzjonijiet li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx jiġu eżaminati aktar u se jiġu eskluż mill-kompetizzjoni.

- *Valutazzjoni minn qabel*

Il-fażi ta' qabel il-valutazzjoni se titwettaq mill-esperti indipendenti maħtura mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-prevalutazzjoni mill-esperti indipendenti tal-awtoritajiet lokali se tiġi ppreżentata lill-Ġuriji Ewropej fil-forma ta' Rapport ta' Valutazzjoni, qabel il-laqgħat tal-Ġurija Ewropea, u se sservi bħala dokument ta' sfond għad-deliberazzjoni tal-Ġurija Ewropea.

L-esperti indipendenti se jipproduċu lista qasira ta' massimu ta' 20 applikazzjoni (10 f'kull kategorija – awtoritajiet lokali < or > 50 000 abitant) u din se tiġi ppreżentata lill-membri tal-Ġuriji Ewropej (kompetizzjoni ġenerali) fir-rapport tagħhom. Massimu ta' 10 applikazzjoni se jiġu sottomessi fir-rapport tagħhom lill-Ġurija Ewropea għall-Premju Speċifiku għall-**"ġlieda kontra r-razziżmu"**.

- *Għażla Finali / Deliberazzjoni tal-Ġurija Ewropea*

Il-membri tal-ġurija Ewropea se jiltaqgħu fi Brussell (jew online) f'Marzu 2027 / April 2027 sabiex jinnominaw ir-rebbieħ, it-tieni u t-tielet post għal kull kategorija. Id-deliberazzjoni tagħhom se tkun ibbażata fuq ir-Rapport ta' Valutazzjoni li jirċievu l-esperti indipendenti u l-applikazzjoni tagħhom tal-kriterji tal-Għoti (it-Taqsima 4.2 hawn taħt).

- *Iċ-Ċerimonja tal-Premjijiet*

Ir-rebbieħa tal-Premjijiet tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità 2027 u l-Premju Speċifiku għall-"**ġlieda kontra r-razziżmu**" se jitħabbru fiċ-Ċerimonja tal-Premjijiet fi Brussell (jew online) fit-3 ta' Ġunju 2027 u fuq is-sit web tal-Premjijiet. Is-sindki/ir-rappreżentanti legali tal-applikanti rebbieħa mill-kategoriji kollha se jiġu mistiedna Brussell (jew online) biex jipparteċipaw fiċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet u biex jirċievu l-premju tagħhom.

- *Feedback*

Kwalunkwe waħda mill-bliet fil-lista mqassra tista' titlob feedback dwar il-kontenut tal-applikazzjoni tagħha u dan se jiġi pprovdut wara tali talba.

4.2 Kriterji tal-għotjiet

Kemm l-esperti indipendenti kif ukoll il-Ġurija Ewropea se jivvalutaw l-applikazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali kandidati abbażi tal-Kriterji tal-Għotjiet li ġejjin:

Natura u kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattivi

L-applikanti għandhom jipprovdu deskrizzjoni tal-inizjattivi ewlenin li jirrispondu għad-diversità u l-inklużjoni – kemm jekk diġà implimentati kif ukoll jekk qed jiġu implimentati. Inizjattivi li jkopru b'mod

d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi". L-Istati Membri lkoll jaqsmu bejniethom "soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel".

komprensiv raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni (b'mod partikolari, is-sess, l-età, id-diżabilità, l-oriġini etnika jew razzjali, ir-reliġjon jew it-twemmin u l-identità LGBTIQ+) u li juru approċċ intersezzjonali se jkunu ta' vantaġġ.

L-applikazzjonijiet għandhom juru approċċ koerenti għad-diversità u l-inklużjoni f'diversi oqsma ta' politika u viżjoni ambizzjuża fl-indirizzar tad-diskriminazzjoni fil-livell lokali.

Is-sjieda / il-livell ta' impenn

L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-qafas tal-istrateġija u l-politika stabbilita fl-amministrazzjoni lokali biex jindirizzaw id-diversità u l-inklużjoni, u struttura li tixpruna l-implimentazzjoni tagħhom. **L-applikazzjoni għandha turi li l-inizjattivi huma parti minn strateġija jew qafas ta' politika koerenti, aktar milli proġetti *ad hoc* biss.** Dikjarazzjoni ta' politika u impenji għad-diversità u l-inklużjoni f'livell għoli ta' responsabbiltà jridu jkunu evidenti. Id-diversità u l-inklużjoni għandhom jiġu integrati fil-politiki, il-programmi u/jew ir-regolamenti tal-awtorità lokali. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-istrutturi xierqa li għandhom jiġu xprunati, u r-riżorsi (persunal, baġit, eċċ.) allokati għall-implimentazzjoni, dawn l-istrateġiji u l-politiki.

Impatt

L-inizjattivi tal-awtorità lokali għandu jkollhom impatt pożittiv dimostrabbli fuq is-sitwazzjoni u l-esperjenza ta' persuni minn gruppi esposti għal diskriminazzjoni, u fuq il-kwalità ġenerali tal-ħajja tagħhom. Il-kisbiet għall-gruppi esposti għad-diskriminazzjoni (abbażi tas-sess, l-età, id-diżabilità, l-oriġini etnika jew razzjali, ir-reliġjon jew it-twemmin u l-identità LGBTIQ+) għandhom jiġu stabbiliti, filwaqt li jiġi stabbilit aktar kif l-inizjattivi huma ta' benefiċċju għall-popolazzjoni usa'. L-applikanti għandhom jinkludu data kwalitattiva u kwantitattiva, bħal numri konkreti tal-output mill-KPIs sabiex jappoġġaw dikjarazzjonijiet ta' impatt, filwaqt li jispeċifikaw inizjattivi konkreti f'dan ir-rigward.

Kwalità u sostenibbiltà tal-inizjattivi

Il-kwalità tar-riżultati tad-diversità u tal-inklużjoni hija definita f'termini ta' titjib fil-kwalità tal-ħajja għall-gruppi esposti għad-diskriminazzjoni (abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età, u/jew l-identità LGBTIQ+), u l-kisbiet għall-popolazzjoni usa'. L-applikanti għandhom jistabbilixxu liema indikaturi u mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, bħal evalwazzjonijiet jew awditi indipendenti kkummissjonati, ġew stabbiliti biex jiżguraw il-kwalità tal-inizjattivi u l-konformità tagħhom mal-istandards u l-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-allinjament tagħhom mal-istrateġiji nazzjonali u/jew Ewropej.

L-applikanti għandhom jistabbilixxu l-passi meħuda biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-inizjattivi meħuda u r-riżultati miksuba. Il-kisba ta' riżultati sostenibbli tinvolvi l-kontinwità tal-isforz, l-applikazzjoni tat-tagħlim mill-inizjattivi, u s-sigurtà fl-investiment u l-forniment ta' riżorsi għaż-żamma u l-bini tar-riżultati miksuba.

Involviment ta' persuni esposti għal diskriminazzjoni

L-involviment attiv u ċar tal-persuni esposti għad-diskriminazzjoni u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll l-esperti tad-diversità, għandu jintwera fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-inizjattivi tal-awtorità lokali li jirrispondu għad-diversità u l-inklużjoni. L-applikanti għandhom ikomplu

jiddeskrivu kif huma jużaw u jappoġġaw lil dawn l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi u jirfdu l-involviment effettiv tagħhom.

Kriterju	**Numru massimu ta' punti**
Natura u kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattivi	25
Is-sjieda / il-livell ta' impenn	25
Impatt	20
Kwalità u sostenibbiltà tal-inizjattivi	15
Involviment ta' persuni esposti għal diskriminazzjoni	15
TOTAL	100

L-awtoritajiet lokali li jikkompetu għall-Premju Speċifiku għall-**"ġlieda kontra r-razziżmu"** għandhom iwieġbu kemm il-parti Ġenerali kif ukoll il-parti tal-Għotja Speċifika tal-formola tal-applikazzjoni. Il-valutazzjoni tagħhom għal dan il-Premju Speċifiku se ssir abbażi tal-kriterju tal-Għoti uniku b' 25 bħala n-numru massimu ta' punti.

5. L-ARRANĠAMENTI U D-DATI FINALI GĦAS-SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Il-kompetizzjoni se tingħalaq fis-26 ta' Frar 2027 (12.00 CET) (GMT+1). Il-formola tal-applikazzjoni trid timtela bis-sħiħ u tiġi sottomessa permezz tal-**għodda online biss**.

Sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni online kompluta, jenħtieġ li jiġi pprovdut dan li ġej:

- formola tal-applikazzjoni online mimlija (Anness I);
- id-Dikjarazzjoni tal-unur (l-Anness III), li għandha tiġi ffirmata mis-Sindku jew mir-rappreżentant tal-ogħla grad awtorizzat mil-liġi nazzjonali biex jirrappreżenta legalment il-belt/iż-żona urbana u tittella' fil-formola tal-applikazzjoni.

6. IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

Il-Kummissjoni hija marbuta bir-Regolament 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Id-data personali li tinsab bħala parti mill-formola tal-applikazzjoni ppreżentata għandha tiġi pproċessata f'konformità mar-regolamenti fis-seħħ. L-applikanti jistgħu, wara talba bil-miktub, jiksbu aċċess għad-data personali tagħhom u jikkoreġu kull informazzjoni li tkun żbaljata jew mhux kompluta. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun awtorizzata tippubblika jew tirreferi għal, fi kwalunkwe forma u fuq jew bi kwalunkwe mezz, l-informazzjoni li ġejja:

- l-isem tar-rebbieħa;
- is-suġġett tal-Premju.

7. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Il-proċess ta' applikazzjoni, il-ħidma tal-esperti indipendenti, u l-ħidma taż-żewġ Ġuriji Ewropej huma ffaċilitati mis-Segretarjat tal-Premjijiet, li huwa mmexxi mill-kuntrattur estern. Is-Segretarjat jassisti wkoll fl-attivitajiet tal-PR relatati mal-iskema tal-Premjijiet permezz tas-sit web tal-Premjijiet u permezz ta' diversi mezzi ta' komunikazzjoni bħal fuljetti, midja soċjali, filmati, eċċ.
Ikkuntattja lis-Segretarjat permezz tal-email: just-city-awards@ec.europa.eu

8. ANNESSI

I Formola ta'

Applikazzjoni II

Nota ta' Gwida

III Dikjarazzjoni tal-unur